MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2010

Citazzjoni Numru. 591/2009

**Joseph Gauci u Clement Gauci**

**-vs-**

**Jacqueline Galea fil-kwalita’ tagħha ta’ mandatarja speċjali ta’ Henry *sive* Eric Galea**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentata fis-17 ta’ Ġunju 2009 li permezz tiegħu l-atturi ppremettew:

1. Illi permezz ta’ ittra uffiċjali ntavolata *ai termini* tal-artikolu 253(e) Kap 12, l-atturi rikorrenti rrendew eżekuttiva kambjala ffirmata minn Henry sive Eric Galea, datata 15 ta’ Novembru 1997 u skaduta fil-15 ta’ Novembru 2001, kopja legali ta’ liema ittra uffiċjali hija annessa bħala DokA, filwaqt illi kopja tal-kambjala

msemmija hija annessa fl-atti tal-ittra uffiċjali bħala Dok A1;

2. Illi permezz ta' rikors intavolat *ai termini* tal-istess artikolu, permezz tal-mandatarja tiegħu Jacqueline Galea, Henry *sive* Eric Galea talab is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tal-istess kambjala, liema talba ġiet milqugħa minn din l-Onorabbli Qorti (**"Gauci Joseph et vs Galea Henry et")** Rik Nru. 1138/ 2006 CFS, deċiż 18 ta' Frar 2009);

3. Illi l-ammont ta' tliet mija u erbgħa u tmenin elf, tliet mija u sitta u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu Euro (€384,346.61) rappreżentanti s-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm165,000), għadu dovut minn Henry *sive* Eric Galea lill-atturi rikorrenti

Tgħid għalhekk il-konvenuta nomine għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, għar-raġunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni neċessarja u opportuna;

(i) Tiddeċiedi din il-kawża skond it-talbiet segwenti, bid-dispensa tas-smigħ tal-kawża, *a tenur* tal-artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap 12, Liġijiet ta' Malta;

(ii) Tiddikjara lil Henry *sive* Eric Galea responsabbli għall-ħlas tas-somma tliet mija u erbgħa u tmenin elf, tliet mija u sitta u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu Euro (€384,346.61) rappreżentanti s-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm165,000); u dan *ai termini* tal-kambjala datata 15 ta' Novembru 1997 u skaduta fil-15 ta' Novembru 2001, li kopja tagħha tinsab hawn annessa u mmarkata Dok A1;

(iii) Konsegwentement tordna lill Henry *sive* Eric Galea jħallas lill-atturi s-somma ta' tliet mija u erbgħa u tmenin elf, tliet mija u sitta u erbgħin Euro u wieħed u sittin ċenteżmu Euro (€384,346.61) rappreżentanti s-somma ta' mija u ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm165,000).

Bl-imgħaxijiet legali bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena mill-15 ta' Novembru 2001 u bl-ispejjeż, inklużi dawk

tar-rikors fl-istess ismijiet numru 1138/2006FS deċiż fit-18 ta’ Frar 2009, il-konvenuta *nomine* u l-mandanti tagħha minn issa nġunti in subizzjoni u bir-riżerva ta’ kull dritt ta’ azzjoni ulterjuri fil-liġi.

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, ppreżentata fit-22 ta’ Ottubru 2009, li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi preliminarjament ir-rikorrenti jafu li Henry *sive* Eric Galea jgħix Napli u jafu l-indirizz tiegħu u kienu jafu dan l-indirizz qabel l-ippreżentata ta’ dan ir-rikors ġuramentat u konsegwentament l-azzjoni hija nulla *stante* li din għandha tiġi ntavolata kontra l-istess Henry *sive* Eric Galea personalment u mhux kontra l-esponenti fil-vesti tagħha ta’ mandatarja tiegħu. F’kull każ, anke jekk premess ma jirrendix l-azzjoni nulla, l-esponenti għandha tiġi liberata mill-osseranza għas-spejjeż tar-rikorrenti.

2. Fit-tieni lok u mingħajr preġudizzju għall-premess, l-ewwel talba għandha tiġi miċħuda bl-ispejjeż u dan *stante* li apparti li l-mertu huwa kontestat u r-rikorrenti kienu jafu li huwa kontestat, huma naqsu milli jikkonfermaw bil-ġurament illi fil-fehma tagħhom il-konvenut m’għandux difiża valida xi jressaq kif hemm dispost fl-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta’ Malta.

3. Fit-tielet lok, it-talba hija preskritta *a tenur* tal-Artikolu 541 tal-Kap 13 tal-Liġijiet ta’ Malta.

4. Illi fir-raba’ lok u mingħajr preġudizzju għall-premess u *in linea* sussidjarja, Henry *sive* Eric Galea m’għandu jagħti assolutament xejn lir-rikorrenti u *inoltre*, l-esponenti għandu dubji serji dwar il-validita’ tal-kambjala u anke jekk hija valida, din hija bbażata fuq kawża illeċita u konsegwentement hija nulla.

5. Fil-ħames lok it-talba tar-rikorrenti sabiex il-konvenut jiġi kkundannat iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża fl-istess ismijiet ir-rikors 1138/06 tat-18 ta’ Frar 2009 hija nulla *stante* illi dan il-mertu għaddha *in ġudikat* u ma tistax

issir talba simili jekk mhux *in via* ta’ proċeduri ta’ ritrattazzjoni, lilema proċeduri ma sarux.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri sa fejn huwa konċess skond il-liġi.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti li humaminn issa nġunti *in subizzjoni*

Rat il-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-23 ta’ Ġunju 2010 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza bil-fakolta’ li l-partijiet jippreżentaw noti ta’ sottomissjonijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tat-8 ta’ Frar 2010 li permezz tiegħu ġew preżentati kopji legali tal-proċessi l-oħra relattivi għal din il-kawża;

Rat l-atti proċesswali kollha;

Ikkunsidrat;

Illi din hija azzjoni kambjarja u għalhekk regolata mill-artikolu 223 *et sequitur* tal-Kodiċi tal-Kummerċ. Din il-kawża kellha ssir peress li din il-Qorti, diversament presjeduta, issospendiet l-eżekuzzjoni tal-istess kambjala *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kap. 12, fuq talba tal-konvenuta nomine odjerna, permezz ta’ diġriet mogħti fit-18 ta’ Frar 2009.

Illi huwa naturali illi f’azzjoni kambjarja, kull m’għandu jagħmel l-attur huwa li jippreżenta l-kambjala in kwistjoni. L-atturi f’din il-kawża għamlu dan fil-proċeduri ġja’ msemmija, u għalhekk il-Qorti trid tara jekk l-eċċezzjonijiet li ressqet il-konvenuta għandhomx ikunu ta’ impediment biex it-talbiet attriċi jiġu akkolti.

Illi kif irriteniet din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **“George Zahra vs Alfred Borg”** deċiża fit-28 ta’ April 1995:

*“Hu għalhekk li l-Qrati dejjem irritenew illi fl-azzjoni kambjarja huma permessi biss eċċezzjonijiet li jikkontestaw il-validita’ formali tal-kambjala in kwistjoni in kwantu jallegaw li din tkun fuq il-wiċċ tagħha monka f’xi waħda mill-elementi kostituttivi essenzjali tagħha kif trid il-liġi.”*

Illi l-Qorti f’dik il-kawza ċċitat ukoll is-sentenza riportata fil-**Volum XXIX- Pt I**. paġna 1136 fejn intqal illi:

*“Meta f’kawża għall-ħlas ta’ somma li tirriżulta minn kambjala jingħataw eċċezzjonijiet ta’ natura tali li ma tistax titwaqqaf il-kawża u l-likwidazzjoni tal-kontijiet bejn il-partijiet tieħu ż-żmien, il-konvenut ma jistax jirrifjuta li jħallas …”.*

Illi fil-fehma tal-Qorti għalhekk ir-raba’ eċċezzjoni tal-konvenuta *nomine* ma hijiex proponibbli u hija ma ressqet ebda prova biex iġġiegħel lill-Qorti taħseb illi hemm xi nuqqas ta’ validita’ formali tal-kambjala. It-tieni eċċezzjoni m’għandiex rilevanza għaliex il-kawża ma saritx skond l-artikli 167 sa 170 tal-Kodiċi tal-Proċedura u l-konvenuta ngħatat iċ-ċans tikkontesta l-kawża kif fil-fatt għamlet. Dan jirriżulta mill-verbal tas-seduta tad-9 ta’ Ottubru 2009.

Illi l-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li l-atturi kellhom jipproċedu direttament kontra Eric Galea billi dan huwa residenti l-Italja u mhux kontra l-konvenuta bħala mandatarja tiegħu. Din l-eċċezzjoni kien ikollha l-effikaċja tagħha li kieku l-konvenuta *nomine* ma pproċedietx hija stess bħala mandatarja tal-istess Eric Galea (li huwa missierha) fil-proċeduri li permezz tagħhom hija waqqfet l-eżekuzzjoni tal-kambjala fuq ġja’ msemmija. Fil-fehma tal-Qorti, meta hija għamlet dan, assumiet l-atti bħala rappreżentatriċi tal-mandant tagħha mhux biss f’dawk l-atti iżda f’dawk kollha li kienu neċessarjament relattivi u sussegwenti għalihom. Fis-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **“Aġent Direttur tal-Portijiet vs Dottor John Mamo nomine”**, deċiża fil-5 ta’ Diċembru 1984, il-Qorti tal-Kummerċ qalet illi:

*"…il-mandatarju jista' wkoll bis-setgħa hemm imsemmija (fl-artikolu 1967 (2) (issa 1865 (2) tal-Kodiċi Civili) ikun konvenut f'isem il-mandant tiegħu f'kawżi li għandhom x'jaqsmu mal-affari li tidħol fil-mandat."*

Illi għalhekk anke din l-eċċezzjoni se tiġi miċħuda.

Illi r-raba' eċċezzjoni hija dik tal-preskrizzjoni. Madankollu jirriżulta li l-ittra uffiċċjali li allura tat lok għall-proċedura in kwistjoni ġiet preżentata ġurnata qabel skada t-terminu in kwistjoni mid-data tal-iskadenza tal-kambjala, infatti l-ittra in kwistjoni ġġib id-data tal-14 ta' Novembru 2006 meta l-kambjala skadiet fil-15 ta' Novembru 2001. Il-Qrati tagħna f'dan il-kwesit, segwew l-insenjament ta' **Laurent,** u ċioe' li *d-domanda ġudizzjarja tinterrompi l-preskrizzjoni; 'L' interruzione della prescrizione risultante dalla domanda giudiziaria ha questa particolare; che essa si prolunga dal momento che essa si compia. … La prescrizione e interrotta perche' la prescrisizione e fondata sull' inazione, non corre quando vi e' azione*'. Dan il-bran ġie ċitat fis-sentenza **"Henry Ellul Sullivan vs Joseph Dimech"** – 13 ta' Ottubru 1998 – Qorti tal-Appell. Għalhekk anke din l-eċċezzjoni mhix fondata.

Illi l-konvenuta nomine pero' għandha raġun fl-aħħar eċċezzjoni tagħha għaliex l-ispejjeż tal-proċeduri deċiżi ft-18 ta' Frar 2009 għaddew in ġudikat u għandhom jibqgħu fis-seħħ kif ġew deċiżi dakinhar.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi din il-kawża billi filwaqt li tilqa' l-ħames eċċezzjoni tal-konvenuta *nomine*, tiċħad l-eċċezzjonijiet l-oħra kollha tagħha, u għalhekk filwaqt li tastjeni li tieħu konjizzjoni tal-ewwel talba tal-atturi *stante* dak li ġja' ntqal, tilqa' t-tieni u tielet talba tal-atturi u konsegwentement tikkundanna lill-konvenut Henry *sive* Eric Galea jħallashom is-somma ta' tliet mija u erbgħa u tmenin elf, tliet mija u sitta u erbgħin Ewro u wieħed u sittin ċenteżmu (€384,346.61) – ekwivalenti għal mija u ħamsa u sittin elf lira Maltin (Lm165,000) lill-atturi, bl-**

**imgħaxjiet legali mid-data tal-iskadenza tal-kambjala sad-data tal-ħlas.**

**Tiċħad pero' t-talba għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża li ġġib in numru 1138/06.**

**Spejjeż tal-kawża jkunu a kariku tal-konvenuta nomine.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------